MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 435/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta’ Mejju tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u disghin (1998) (Dok A);

Illi huma isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi tas-sitta (6) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sebgha (Dok B);

Illi jirrizulta mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni li l-partijiet ilhom separati legalment ghal millinqas erba' snin mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ma hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-talba tissoddisfa ir-rekwiziti previsti mill-Artikolu 66 B;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Mejju 1998 ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti id-Digriet opportun;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, jinnotifika id-digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta f'terminu li jigi lilu stabbilit minn din l-istess Qorti jigi iskritt fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta' Mejju tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) skont ic-certifikat taz-zwieg relattiv (vide dokument anness u mmakrat mar-rikors promotur bhala 'Dok. A') u minn dan iz-zwieg kellhom tewmin, tifel u tifla u cioe' Matteo u Justine ahwa B li twieldu fit-12 ta' Mejju 2005 u dunque ghadhom minorenni;

Illi l-esponenti taqbel ukoll illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Cauchi datat sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala 'Dok. B');

Illi l-esponent taqbel ukoll illi m'hemm l-ebda propett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi

minbarra li ilhom aktar minn erbgha (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati u indipendenti minn xulxin;

Illi l-esponenti thoss li ghandha ggieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi ghad hemm pendenti proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta (Rikors Guramentat Numru : 189/2011 AL fl-ismijiet "C B vs A B" u 199/2001 AL fl-ismijiet "A B vs C B") dwar il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Matteo u Justin, inkluz l-access;

Illi l-esponenti taqbel ukoll illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (vide kopja annessa mar-rikors promotur) il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u / jew jircievu manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom separati mis-6 ta' Novembru 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa ma ghandu jaghti l-ebda manteniment lill-intimata la ghaliha u lanqas ghall-ulied minuri peress illi l-ulied minuri jirrisjedu mieghu;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tordna illi iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------